# L-istorja tal-"Banċinu" u l-"Queen of Peace"
# Jannar 1957 -2002

*Maria Assunta Grima*



Kienet lejla xitwija tat-22 ta' Jannar, tas-sena 1957, meta beda jinħass riħ qawwi mil-Lbiċ u s-sema sar lewn il-kubrit. Kien jidher li f'dak il-lejl kellha tqum maltempata kbira u għalhekk kulħadd inġabar f'daru kmieni.

Dak iż-żmien fil-Port tal-Imġarr, li hu parti minn Għajnsielem kien hemm żewġ vapuri żgħar. Wieħed kien jismu l-Banċinu, li kien proprjetà tal-imprenditur Joseph Gasan u l-ieħor kien jismu Queen of Peace, li kien proprjetà tal-aħwa Ġużepp u Manwel Magro bil-laqam t'Għakrex. Fl-Imġarr kien hemm daqsxejn ta' moll żgħir u l-breakwater ma kienx tajjeb biex jgħati kenn lill-vapuri u dgħajjes tal-latini.

Meta r-riħ kien jonfoħ faċċata tal-moll, mewġiet kbar kienu jidħlu bis-saħħa, jaqbżu l-break water u jkaxkru kullma jsibu. Il-vapuri kienu jkunu f'periklu kbir, u mhux l-ewwel darba li kellhom iħallu l-Port tal-Imġarr u jmorru għall-kenn ġox-Xatt tal-Belt jew bejn il-Kmiemen u jdumu hemm sakemm jibnazza. Ġieli damu tlett ijiem barra mill-Port tal-Imġarr biex isalvaw il-vapuri.

Matul il-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Jannar ir-riħ żdied u sar forza ta' riefnu. Fil-Għodu jien qomt fil-ħin tas-soltu u ħriġt għall-quddiesa tas-6.30. It-toroq kienu mudlama għax bil-lejl kien inqata' d-dawl u bilkemm stajt nasal sal-knisja. Waqt il-quddiesa kien hemm żewġ nisa li kultant kienu jitkellmu bejniethom b'leħen baxx ħafna.

Meta spiċċat il-quddiesa kulħadd ħareġ, u fil-pjazza rajt ħafna nies imdawwrin qaqoċċa jitkellmu minn taħt l-ilsien. Milli stajt nifhem kienet ġrat xi ħaġa. Jiena komplejt nimxi lejn id-dar, u kif dort il-kantuniera ħbatt ma' Roża, il-ġara tagħna, li għal ftit ma qalbitnix wiċċi 'l fuq.

"Skużani" qaltli, "lanqas rajtek – kemm inħossni nkwetata"

"X'ġara" staqsejt jien.

"mela ma smajtx! Dal-lejl il-Banċinu nqata' minn mal-moll u baqa' sejjer lejn il-bajja taż-Żewwieqa u tfarrak ġol-blat. Hadd mill-baħrin ma kien fuqu, imma miskin Ġużepp is-Serduk, l-għassies ta' fuqu x'aktarx inqabad ġo fih".

Jien inħsadt xħin smajt din l-aħbar u ħassejt ġismi jitkexkex bil-biża'.

"Ser inħallik" qaltli Roża, "għax sejra il-ħanut," u baqgħet sejra.

Jien ukoll bqajt sejra lejn id-dar u nsib lil oħti Rita titkellem m'Ommi u tirrakkonta dak li kien ġara x-Xatt matul il-lejl. Ir-raġel ta' oħti, Dumink Scicluna kien kaptan fuq il-vapur 'Queen of Peace' u oħti bid-dmugħ f'għajnejjha kienet qed titħasseb dwar x'seta ġara mill-vapur u l-ekwipagg tiegħu. Dan il-vapur kien jagħmel vjaġġ kuljum mill-Imġarr għall-Port il-Kbir u kien iġorr it-tgħabija. Fost it-tgħabija li kien iġorr kien ikun hemm għamara, kaxxi tal-luminata, fniek, tjur, bajd, frott u prodotti oħra.

Matul dak il-lejl il-maltempata laħqet il-Port tal-Imġarr u ħadd ma seta' jersaq lejn il-Moll. Tard filgħaxija meta dalam sewwa, il-kaptan Dumink qal lil oħti: "ser ikolli noħroġ u niġbor lill-baħrin għax aktarx ikollna nitilqu mix-Xatt". Hekk għamel, ħareġ bil-karozza tiegħu u fi żmien siegħa ġabar



disa' baħrin u niżżilhom x-xatt. Bi tbatija u sogru kbir daħlu fuq il-Moll u telgħu fuq il-vapur.

Il-vapur Banċinu kien għadu hemm ukoll. Il-kaptan tiegħu, Carmel Scicluna minn Għajnsielem u li kien joqgħod in-Nadur, niżel ix-xatt u ġabar il-baħrin tiegħu ukoll imma ma rnexxilhomx jitilgħu fuq il-vapur. Il-baħar kien beda jaqta' l-ktajjen u ċ-ċimi tal-vapuri u l-Banċinu kien qed iżomm fuq ċima waħda. Fuqu kien hemm l-għassies li beża' jinżel minn fuq il-vapur għax żgur li kieku niżel kien ser jiġi mkaxkar mill-baħar. Fl-aħħar iċ-ċima nqatgħet u l-Banċinu baqa' sejjer lejn il-bajja taż-Żewwieqa u tfarrak mal-blat.

Il-kaptan Dumink kien qed jerfa' r-responsabilta' tal-baħrin u tal-vapur. Ried jiddeċiedi x'għandu jagħmel. Iċ-ċimi bdew jinqatgħu waħda wara l-oħra. Fl-4.30 ta' filgħodu, il-Queen of Peace ipprova joħroġ mix-Xatt u waqt li kien ħiereġ, ġie kolp ta' baħar u għollih m'ogħla s-smewwiet u għal ftit ma ġabux fuq ras il-moll. Il-kaptan u l-baħrin bdew jitolbu lill-Madonna ta' Lourdes li l-kapella tagħha tinsab faċċata tal-port tal-Imġarr. Huma talbuha biex tħarishom u twassalhom qawwijin u sħaħ. B'rieda tajba l-kaptan kompla l-vjaġġ imma kultant it-tmun ma kienx jaħdem u ma kienx iżomm ir-rotta. Il-viżibilità kienet ħażina minħabba ix-xita u ma setgħu jaraw xejn.

Aktar tard raw dawl u ndunaw li dik kienet il-Mellieħa. Wara sagħtejn u nofs ta' taħbit u taqtiegħ ta' qalb il-vapur Queen of Peace irnexxielu jidħol fil-Port il-Kbir. Il-kaptan u l-baħrin kienu mxarrbin għasra u bilkemm kienu jifilħu jżommu fuq saqajjhom. Meta niżlu minn fuq il-vapur, il-kaptan Dumink mar jiġri ġo ħanut iċempel lil oħti Rita u b' leħen imriegħed u vuċi kemmxejn maħnuqa qalilha:

"serraħ moħħok għax bil-għajnuna t' Alla u tal-Madonna wasalna qawwijin u sħaħ u nerġa' nċempel aktar tard". Oħti ħarġet tiġri mid-dar u ġiet għand ommi biex tagħtna l-aħbar.

L-għodwa tat-23 ta' Jannar tas-sena 1957 kienet turi ġurnata traġika għall-Port tal-Imġarr. X'ħin sebaħ sewwa, ħafna nies minn Għawdex kollu niżlu ix-Xatt u daħlu ż-Żewwieqa. X'uħud minnhom telgħu fuq il-Banċinu li kien inkalja ġol-blat. Bdew isejħu lil Ġużeppi l-għassies, imma ma rrispondiex. Xi ħadd sab il-ġakketta tiegħu f'rokna. Id-dehra tal-Banċinu kienet iġġiblek ħasra l-aktar meta taf li l-għassies kien tilef ħajtu. Ftit ġranet wara, fil-bidu ta' Frar ġie vapur tas-salvataġġ HMS Uplifter. Il-ħaddiema tiegħu sabulu tiċrita f'ġenbu. Huma saddewlu t-toqob kollha u bdew ibattlu l-ilma minn ġo fih permezz ta' għaxar pompi. Waqt din l-operazzjoni, instab il-katavru ta' Ġużeppi s-serduk. Kienet ġrajja ta' qsim il-qalb, l-aktar għall-familja tiegħu. Il-Banċinu ttella' u ġie rmunkat lejn il-Port il-Kbir. Aktar tard ġie mibjugħ lil sidien Griegi.

Is-Sur Gasan kien ħa kuntratt b'offerta biex iġorr il-passiġġieri bejn l-Imġarr u l-Marfa. Għalhekk kien xtara dan il-vapur mill-Ingilterra biex jaħdem bih. Dan kien il-Banċinu u kien il-Kaptan Dumink li kien ġabu sa Malta u għall-ewwel ftit snin kien hu l-kaptan li kien ħadem bih bejn l-Imġarr u l-Marfa. Dan il-kuntratt beda fis-sena 1947 u kien jiswa sal-1957,imma b'xorti ħażina l-kuntratt intemm ftit xhur qabel it-traġedja.

Il-Queen of Peace li tant ħareġ bl-unuri minn dik il-prova traġika, kien ġie mibjugħ lill-kumpanija tal-vapuri f'Ċipru. F'Novembru tas-sena 1977, jiġifieri għoxrin sena wara, waqt li kien qed jivjaġġa minn Sqallija lejn Bengħażi, iltaqa' ma' maltempata kbira u għereq f'nofs il-vjaġġ. B' xorti tajba, il-baħrin, li fosthom kien hemm erba' Maltin, salvaw kollha.

Il-Kaptan Dumink, b'ringrazzjament lill-Madonna li salvat lilu u lill-baħrin mill-għarqa u martu Rita offrew li jagħmlu statwa tal-Madonna Addolorata għall-Knisja t'Għajnsielem. L-istatwa nħadmet l-Italja u meta waslet Għawdex, f' Marzu tas-sena 1962, tpoġġiet fil-kapella ta' Lourdes. Minn hemm ittellgħet b'purċissjoni fejn għadha sallum. Huma ħallew legat ukoll biex kull sena ssirilha festa xierqa.

Jien ktibt din il-ġrajja biex infakkar il-45 anniversarju tal-għarqa tal-Banċinu, u wkoll biex nagħti tislima lill-kaptan Dumink Scicluna li ħalla din id-dinja fit-18 ta' Jannar, 2002 fl-għomor ta' 90 sena, proprju ħamest ijiem biss qabel l-anniversarju ta' din il-ġrajja.

Ftit snin wara li ġara dan kollu, fil-port tal-Imġarr inbena breakwater kbir minn kumpanija taljana Socoomar. Dan il-breakwater joffri kenn tajjeb lill- vapuri kbar u moderni li għandna llum. Minn dakinhar 'l hawn din it-traġedja ma reġgħetx ġrat.

